**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Maħluf Numru 648/2019 MS*

1. **Michael Darmanin f'ismu proprju u għan-nom ta' oħtu Francis Spiteri**
2. **Emanuel Darmanin**
3. **Carmelo Darmanin**
4. **Stephen Darmanin**
5. **Joseph Darmanin**
6. **Maria Carmela sive Charmaine Desira**
7. **Leonard Theuma**
8. **Grace Darmanin**
9. **Susan Hammett nèe Darmanin**
10. **Joseph Darmanin**

**Vs.**

1. **Mary Grech**
2. **Carmen Spiteri**
3. **Pauline Valletta**
4. **Josephine sive Joyce Bugeja**
5. **Catherine Aquilina**
6. **Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

Illum, 26 ta' Frar, 2024

Kawża Numru: 7

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-atturi fl-1 ta' Lulju, 2019, li permezz tiegħu, wara li ppremettew kif ġej:

> Illi l-esponenti huma n-neputijiet, u tfal tan-neputijiet , ta' Teresa Darmanin.
>
> Illi l-imsemmija Teresa Darmanin kienet xebba, ma kellhiex ulied, u kienet tghix flimkien ma zewgt hutha guvintur Francesco Saverio Darmanin u Giuseppe Darmanin.Teresa Darmanin kienet iddur bihom u tiehu hsiebhom.
>
> Din Teresa Darmanin ma kienetx mara ta' skola, ma kienetx taf tikteb u taqra u bill-kemm kienet taf tiffirma. Ma kienetx taf tghodd, jew ccempel bit-telephone. Fejn jidhlu flus u propjeta' din kienet thalli ghal kollox f'idejn hutha sakemm dawn kienu hajjin.wara li miet huha Giuseppe sahhet Teresa Darmanin bdiet sejra lura sal-punt li anke kienet taghta puplesija.wara li Fransesco Saverio kien gie nieqes sahhitha kienet marret hafna ghall-aghar.
>
> Illi l-ewwel ma miet fost l-ahwa kien Giuseppe Darmanin li miet fid-9 ta' Lulju 2012 (Dok.'A'). Illi l-imsemmi Giuseppe Darmanin hallah bhala werrieta tieghu lil ohtu Teresa Darmanin.Sussegwentement fl-10 ta' Frar 2015 miet ukoll Francesco Saverio Darmanin (Dok.'B') li skond r-ricerki li saru (Dok. 'C') fuq jidher li miet testat bit-testment in atti tan-Nutar Dottor Vanessa Pool, bin-nota tal-insinwa relattiva bin-Numru T/8725/2009.Illi minkeja li dan it-testment jidher li hu insinwat, meta l-esponenti ppruvaw jottjenu kopja tal-istess minghand n-Nutar tal-Gvern gew infurmati illi dan it-testment qatt ma gie depozitat hemmhek.Ghalhekk l-esponenti kienu kostretti jottjenu kopja tal-istess Testment minghand in-Nutar Vanessa Pool, kopja ta' liema testament hija hawn annessa u mmarkata bhala (Dok.'D').Illi mill-kopja li ghaddiet in-Nutar Pool lill-esponenti jidher illi l-imsemmi Francesco Saverio Darmanin istitwizza bhala werrieta tieghu lil Teresa Darmanin.

Illi lejn l-ahhar ghaxar snin ta' hajjet Teresa Darmanin, wara li bdew jmorru lura hut Teresa Darmanin u cioe' Giuseppe Darmanin u Franseco Saverio Darmanin, l-intimata Mary Grech kienet tghaddi xi zmien fid-dar taghhom f'77, Pretty Bay, Birzebbugia, that il-preteza li qed trendilhom servigi.

Illi l-immsemija Teresa Darmanin mietet xebba nhar l-10 ta' Jannar (Dok.'E').

Illi wara mewtha rrizulta li l-immsemija Teresa Darmanin kienet ghamlet zewg testmenti u cioe' dawk insiwati bin-numru T/12903/2012 u kif ukoll dak insinwat bin-numru T/4725/2013, u dan fi zmien tmien xhur minn xulxin. (kopja tar-ricerki testamentarji taghha huma hawn annessi u mmarkati bhala Dok, 'F' u l-kopji tat-testment Dok.'G' u Dok.'H').

Illi fl-ewwel min dawn testament, u cioe' dak insinwat b in-numru T/12903/2012 datat l-1 ta' Awwissu 2012;

It-testatrici thalli b' titolu ta' legat a favur ulied hutha gia naxxenti ikoll ndaqs bejniethom s-sehem illi t-testatrici ghandha mill-imhazen li jinsabu gewwa l-Marsa gewwa Mall il-Braken, bis-sostituzzjoni volgari ta' uliedhom … salv il-premess it-testatrici qieghda tinnomina u tistitwixxi bhala eredi universali u padruna asoluta tal-gid taghha kollu ghal wara mewtha lin-neputija taghha Mary mart Thomas Grech bis-sostituzjoni favur uliedha f'kaz ta' premorjenza'.

Illi fit-tieni testament taghha, u cioe' dak insinwat bin-numru T/4725/2013 it-testatrici Teresa Darmanin qabel xejn hassret u rrevokat kull testament li setghet ghamlet qabel dak u imbghad iddisponiet kif isegwi:

Illi wara li mietet Teresa Darmanin, l-atturi f'din il-kawza kienu bdew jippruvaw javvicinaw lin-Nutar Pool sabiex jkun jista' jinqara t-testment ta' Teresa Darmanin, madankollu n-Nutar ghaddietilhom kopja traskritta ta' dan it-testment insinwat bin-numru T/4725/2013 (Dok. 'I').

Illi ghal din ir-raguni l-atturi f'din il-kawza kienu hasbu sabiex jordnaw ir-ricerki testamentarji tal-imsemmija Teresa Darmanin huma stress u ordnaw il-kopji ta' dawn it-testmenti minghand in-Nutar tal-Gvern. Wara li ordnaw dawn il-kopji rrealizzaw illi l-fondi sitta u sebgha (6,7) Sqaq il-Pont Marsa ma kienux gew indikati f'din il-kopja traskritta li kienet ghaddietilhom in-Nutar Pool.

Illi meta ndunaw b'dan huma ppruvaw javvicinaw lin-Nutar li ma riedetx tisma' u ghalhekk kellhom jippruvaw jikkuntattjawha tramite l-Avukati taghhom. L-ewwel ma kitbulha kienu tramite l-Avukat Michael Grech illi permezz tal-iitra datata 12 t' Ottubru 2016 kien talab ghal laqgha man-Nutar. Wara li ghal numru ta' xhur ma kien gara xejn l-esponenti kienu biddlu l-Avukati taghhom u ingaggjaw lil Dr.Anna Mallia li min-naha taghha kienet kitbet lin-Nutar Pool sabiex ssir l-immissjoni fil-pussess tal-fondi li gew mhollija b'legat, inkluz il-fond 6 u 7 Sqaq il-Pont (Dok, 'J').

Illi b'risposta ghal dan kienet kitbet lura n-Nutar Pool lil Dr.Mallia fejn espressament tghidilha 'ma nafx min fejn irrizultalek li 6 u 7 thalla lil ahwa Darmanin (klijenti tieghek) ghaliex jien ergajt qrajt it-testment kwotat minnek u dawn mhux imsemmija u cioe ifisser li 6 u 7 sqaq il-pont gie mholli lil eredi li fil-fatt gia thallset id-denunzja fuqu s-sena l-ohra', (Dok.'J').

Illi madanakollu meta imbaghad konfrontata bil-kopja ta' dan it-testment li kienet giet mibghuta lin-Nutar tal-Gvern in-Nutar Pool accettat illi kellha ssir l-immissjoni fil-pussess ta' dawn iz-zewg fondi ukoll.

Illi dan kollu jixhet dubbju serju fuq t-testmenti ta' Teresa Darmanin ghaliex mill-korrispondenza skambjata kien car li n-Nutar Pool, li kienet in-Nutar li kienet ippublikat it-testmenti ta' Giuseppe, Francesco Saverio kif ukoll liz-zewg testmenti ta' Teresa Darmanin ma kienetx qed tissalvagwardja l-interessi tal-werrieta u tal-legatarji b'mod ugwali.

Illi barra min hekk, u skond ma jidher mill-kopji tat-testmenti ta' Teresa Darmanin, b'kumbinazzjoni liema bhalha, wiehed mix-xhieda ta' dan it-testment certu Emanuel Cilia inzerta xhud fuq dawn iz-zewg testmenti, minkejja li dakinhar tat-tieni testament Cilia kellu l-eta' venerabbli ta' 79 sena. Tajjeb jinghad li dan Emanuel Cilia kien ukoll x-xhud fuq it-testment ta' Francesco Saverio Darmanin, u li b'kumbinazzjoni ohra, it-tieni wahda, kien jigi z-ziju ta' Thomas Grech, ir-ragel tal-Intimata Mary Grech, li eventwalment wirtet kollox.

Illi dan maghdud, tajjeb li wiehed jirrimarka ukoll illi l-firem fuq iz-zewg testmenti ta' Teresa Darmanin m'ghandhomx x'jaqsmu la ma xulxin u wisq inqas mal-firem li kienet taghmel Teresa Darmanin fuq atti u dokumenti ohrajn.

Barra min hekk sallum sa fejn jafu l-esponenti, it-testment ta' Francesco Saverio Darmanin, u kif ukoll il-causa mortis li kienet ghamlet Teresa Darmanin bin-numru tal-insinwa I 2897/2013 datata 20 ta' Frar 2013 wara l-mewt ta' Giuseppe Darmanin, zewg atti ppublikati min-Nutar Vanessa Pool, ghadhom ma gewx depozitati man-Nutar tal-Gvern.

Illi bla pregudizzju ghal dak kollu suespost, anke kieku ghall-grazzja tal-argument hija verament sabet mezz taghmel dan it-testment, id-decuius Teresa Darmanin ma kienetx f'kundizzjoni fizika u mentali li taghmel testament;

Illi bla pregudizzju ghal dak kolu suespost, anke kieku dawn iz-zewg testmenti kienu genwini, kif ser jigi trattat ahjar tul din il-kawza ghandu jigi ppruvat li dan it-testment ma setax sar hlief bi frodi, qerq, ingann, u/jew theddid;

komplew billi talbu lil din il-qorti, previa dawk id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti li jkunu jidhrulha opportuni:

(1) Tiddikjara li t-testmenti redatti fl-1 ta' Awwissu 2012 u fit-3 ta' April 2013 min-Nutar Dottor Vanessa Pool huma foloz, fazulli, mhux awtentici u/jew saru minn persuna mhux kapaci taghmel testament, u/jew sar bi frodi, qerq, ingann u/jew theddid u Minacci, u li fi kwalunkwe kaz dak li hemm miktub f'dan it-testment ma jirrispekkjax l-intenzjoni u r-rieda hielsa ta' Tereza Darmanin;

(2) Tiddikjara li t-testmenti redatti fl-1 ta' Awwissu 2012 u fit-3 t'April 2013 min-Nutar Dottor Vanessa Pool bhala null u bla ebda effett fil-Ligi;

(3) Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jagixxi skond dawk il-provvedimenti kollha li dik il-Qorti jidhrilha xierqa u necessarji li taghti lilu fic-cirkostanzi sabiex l-atti tar-Registratur Pubbliku jkunu jirrispekkjaw il-verita' tal-fatti kif stabbiliti fil-kawza odjerna;

(4) Tiddikjara li l-partijiet kollha f'din il-kawza, salv ghad-Direttur tar-Registtru Pubbliku, huma ikoll werrieta ta' Teresa Darmanin.

(5) Tordna lill-Mary Grech biex fi zmien qasir u perentorju tirrimetti fil-pussess ta' l-atturi dik il-propjeta' kollha, mobbli u immobbli, formanti l-eredita' ta' Teresa Darmanin;

Bl-ispejjez kontra l-intimata ingunta ghas-subizzjoni;

2. Rat ir-risposta ġuramentata preżentata fil-21 t'Awwissu 2019 mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku[1] (li minn issa se jissejjaħ biss bħala "d-Direttur"), li biha ġie eċċepit:

> Illi l-esponenti teccepixxi illi ma hijiex edotta mill-fatti hekk kif inhuma ddikjarati fir-rikors guramentat;
>
> Illi bla hsara ghal premess, l-esponenti teccepixxi illi huwa car li l-involviment jew participazzjoni taghha fil-kaz in dezamina kien limitat biss ghall-insinwazzjoni tat-testmenti pubblivi ta' Teresa Darmanin, liem certifikati tal-imsemmija testmenti pubblici jgibu nb-numru ta' insinwa T/12903/2012u T/4725/2013, u jinsabu hawn annessi u mmarkati bhala 'Dok.DRP1' U Dok.DRP 2' rispettivament;
>
> Illi testmenti pubblici surreferiti gew irregistrati in konformita' mad-disposizzjonijiet tal-ligi, cioe' skont il-kodici Civil (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta);
>
> Illi in vista tas-suespost, l-esponent jeccepixxi illi l-azzjoni tal-attur mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti l-esponent u kwindi huwa ma ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti tenut kont lir-rwol tieghu;
>
> Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

3. Rat ir-risposta ġuramentata preżentata fl-10 ta' Settembru 2019 mill-konvenuti l-oħrajn[2] (li minn issa se jissejħu biss bħala "il-konvenuti"), li biha huma eċċepew kif ġej:

> (1) Illi preliminarjament jigi rilevat li r-Rikors Guramentat tal-atturi huwa irritu u null a tenur tal-Artikolu 789(1) (c) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta *stante* illi dan ma fihx: (i"dikjarazzjoni li tfisser b'mod car u sewwa l-oggett tal-kawza" a tenur tal-Artikolu 156(1) (a) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ii) indikazzjoni u spjegazzjoni tar-"raguni tat-talba" ai termini tal-Artikolu 156(1) (b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, liema nuqqasijiet jippregudikaw id-drittijiet ta' difiza tal-esponenti *in limine litiselecta una via non datur recursus ad alteram.*

[1] A folio 34.
[2] A folio 44.

Dan, stante li, minn qari tal-istess Rikors Guramentat tezisti konfuzjoni, u, fil-fatt, m'huwiex car jekk l-atturi qeghdin isejsu l-azzjoni taghhom fuq allegata inkapacita' tat-testatrici [vide l-paragrafu bin-numru ghoxrin (20) tar-Rikors Guramentat], jew, sahansitra fuq il-fehma taghhom li "t-testmenti redatti fl-1 ta' Awwissu 2012 u fit-3 ta' April 2013 min-Nutar Dottor Vannessa Pool huma foloz, fazulli,mhux awtentici" [vide l-ewwel (1) talba kontenuta fir-Rikors Guramentat tal-atturi], liema allegazzjonijiet kontradittorji, min-Nutar taghhom stress, jirrekjedu provi u eccezzjonijiet ta' Nutar u ta' portata ghal kollox differenti minn xulxin.

F'dan ir-rigward, jigi rrilevat li, fir-Rikors Guramentat taghhom,l-atturi naqsu, ghal kollox, milli jindikaw, jew milli jaghtu xi hjiel dwar min. fil-fehma taghhom, seta' wettaq "frodi,qerq,ingann,u/ jew theddid" fil-konfront tat-testatrici, liema nuqqas, fih innifsu jippregudika d-dritt tal-konvenuti, jew min minnhom, li jiddefendu ruhhom kif imiss f'dan l-istadju tal-procedimenti gudizzjarji odjerni.

(2) Illi, minghajr pregudizzju u in sostenn ghall-ewwel (1) eccezzjoni suesposta, jigi rilevat li r-Rikors Guramentat tal-atturi huwa irritu u null a tenur tal-Artikolu 789(1)(c) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante illi dan ma fihx: i) "dikjarazzjoni li tfisser b'mod car u sewwa l-oggett tal-kawza" a tenur tal-Artikolu 156 (1) (a) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll ii) indikazzjoni u spjegazzjoni tar-"raguni tat-talba" ai termini tal-Artikolu 156 (1) (b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta liema nuqqadsijiet jippregudikaw id-drittijiet ta' difiza tal-esponenti *in limine litis- electa una via non datur re.cursus ad alteram.*

Dan, in vista tal-fatt li tezisti inkompatibilita' gurdika bejn l-ewwel (1), it-tieni (2) u l-hames (5) talba, kif dedotta fir-Rikors Guramentat tal-atturi, stante li huwa gurdikament inkoncepibbli li wiehed jattakka l-validita' ta' testament/i, u fl-istess nifs, jitlob ukoll lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna lill-Konvenuta Mary Grech, ossisa l-eredi universali indikati mit-tetatrici, sabiex timmitti lill-atturi fil-pussess tal-propjeta' immobbli mhollija lill-istess atturi ai termini tal-istess testmenti li huma qed jipprovaw jimpunjaw bhala nulli u invalidi.

(3) Illi, minghajr pregudizzju ghas-suepost, u filwaqt li jzommu ferm il-kontesrazzjoni taghhom kontenuta fl-ewwel (1) u fit-tieni (2) eccezzjoni suesposta, jigi rrilevat li, fin-nuqqas li din l-Onorabbli Qorti kellha tilqa' jew tikkunsidra dawn eccezzjoni u tal bid utas-smiegh tal-provi,

jindikaw u jiccaraw in-Nutar u l-bazi Legali tal-azzjoni u tal-pretensjonijiet taghhom.Dan, sabiex l-atturi, sa mill-bidu tal-procedimenti gudizzjarji odjerni, ikunu jistghu jitqieghdu, u dan minghajr ebda pregudizzju ghad-drittijiet ta' difiza taghhom.

F'dan ir-rigward, l-esponenti qeghdin jirrizervaw ukoll id-dritt spettanti lillhom li jressqu eccezzjonijiet u linji difensjonali ulterjuri galadarba u fl-eventwalita' li kellha tigi pprovduta d-debita kjarifika f'dan ir-rigward.

(4) Illi, minghajr pregudizzju ghas-suepost, u filwaqt li jzommu ferm il-kontestazzjoni taghhom relattiva ghan-nullita' tar-Rikors Guramentat tal-atturi, l-esponenti jirrilevaw li fi kwalunkwe kaz, fl-eventwalita' li ma kellhomx jintlaqghu l-ewwel (1) u/jew it-tieni (2) eccezzjoni suesposta, din l-Onorabli Qorti ghandha, fi kwalukwe kaz, tordna lilll-atturi sabiex jottempraw ruhhom ma' dak rikjest mill-Artikolu 156 (8) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan stante li huma naqsu milli jipprovdu l-indikazzjoni rikjesta mill-Artikolu 156 (4) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta Malta, ossia l-indikazzjoni tal-ismijiet shah, kif ukoll tal-fatti u tal-provi li bi hsiebhom jaghmlu permezz tax-xhieda indikati minnhom.

(5) Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, galadarba, fir-Rikors Guramentat taghhom l-atturi ghazlu li jaghmlu numru ta' allegazzjonijiet intrinsikament konnessi mal-qadi tad-dmirijiet tan-Nutar Dottor Vanessa Pool [vide, senjatament, il-paragarfu bin-numru hmistax (15) tar-Rikors Guramentat], jigi rrilevat li l-gudizzju m'huwiex wiehed integru.

Ghaldaqstant, fi kwalunkwe kaz, is-smiegh tal-procedimenti odjerni m'ghandux jinbeda qabel ma jigi integrat l-istess gudizzju.

(6) Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigri rrilevat li <u>l-atturi m'ghandhomx interess guridiku sabiex jippromwovu</u> l-azzjoni taghhom, u dan in vista tal-konkluzzjoni, kif ukoll tal-konvenut innifsu tal-iskrittura datata tlettax ta' April tas-sena elfejn u sbatax ( 13.04.2017) **('Dok.MG 1')** relattiva ghall-immissjoni fil-pussess fil-proprjeta3jiet imhollija lilhom b'titolbu ta' legat, ossia ghar-rigward tal-proprjetajiet immobbli hemm identifikati bhala "a. [i] l-fondi numru wiehed u tnejn (1,2) Sqaq il-Pont Marsa"; b. il-fondi sitta u sebgha (6,7) Sqaq il-Pont Marsa: c, il-fond numru hamsa u erbghin (4,5) Lighters Wharf Marsa2. Ghaldaqstant, <u>l-atturi akkwijexxew </u> ghat-termini u ghall-implikazzjonijiet naxxenti mit-testment data tlieta ta' Aptil

tas-sena elfejn u tlettax (03/04/2013)u, fil-fatt, fl-imsemmija skrittura l-partijiet kienu ddikjaraw lil "[i] l-legatarji jaccetaw u b'hekk il-partijiet jaghtu lil xulxin kwisttanza mill-aktar ampja u assoluta."

F'dan ir-rigward, jigi rrilevat ukoll li l-kwistjonijiet imqanqla mill-atturi permezz tal-ittra legali taghhom data tnax ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (12/10/2016) [annessa mar-Rikors Guramentat tal-atturi u hemm immarkata bhala '**DOK.J'**, kif deskritta fil-paragrafu bin-numru tnax (12) tal-istess Rikors Guramentat], fil-fatt, gew sorvolati permezz tal-konkluzjoni tal-imsemmija skrittura.

(7) Illi l-konvenuti Carmen Spiteri, Pauline Valletta, Josephine sive Joyce Bugeja, Catherine Aquilina m'humiex il-legittimu kontradditturi ghat-talbiet tal-atturi, kif dedotti, u, ghaldaqstant, ghandhom jigu liberate mill-osservanza tal-gudizzju. Dan stante li huma ma gewx istitwiti bhala legatarji, u wisq inqas bhala eredi tat-testatrici Teresa Darmanin,

(8) Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet suesposti, ghar-rigward tal-mertu tal-procedimenti gudizzjarji odjerni jigi rrilevat li l-pretensjonijiet u t-talbiet tal-atturi huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt, u ghaldaqstant, ghandhom jigu michuda bl-ispejjez a karigu taghhom. F'dan ir-rigward, jigi rrilevat ukoll li l-esponenti qeghdin jichdu kwalunkwe alllegazzjoni li t-testatrici Teresa Darmanin setghet ma kellhiex il-kapacita' necessarja jew l-uzu tal-fakultajiet mentali mehtiega sabiex taghmel it-testment data 3 ta' April, 2013, kif ukoll l-allegazzjoni li l-kontenut tal-istess seta' kien il-prodott ta' vizzju fil-kunses taghha, u dan kif se jirrizulta waqt is-smiegh tal-procedimenti gudizzjarji odjerni.

4. Rat li b'sentenza mogħtija fit-30 ta' Ġunju, 2020, din il-qorti, kif diversament presjeduta, ċaħdet l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet tal-konvenuti, filwaqt li laqgħet parzjalment it-tielet eċċezzjoni u tat lill-atturi għoxrin jum sabiex b'nota jindikaw il-persuna jew il-persuni li skont huma kkommettew dak minnhom allegat fil-premessi rigwardanti l-ewwel talba, kif ukoll laqgħet ir-raba' eċċezzjoni u tat lill-atturi għoxrin jum sabiex b'nota jottemporaw ruħhom ma' dak li jipprovdi l-artikolu 156(8) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili bil-mod indikat fl-istess sentenza, bl-ispejjeż tal-istess deċiżjoni jkunu riservati għas-sentenza finali;

5. Rat li l-atturi għamlu dak ordnat minnhom bis-sentenza preċitata permezz ta' nota preżentata fl-20 ta' Lulju, 2020[3];

6. Rat li fl-udjenza tat-12 ta' Novembru, 2020, din il-qorti, kif diversament presjeduta, ordnat li tiġi trattata u deċiża s-sitt eċċezzjoni tal-konvenuti;

7. Rat ix-xiehda u d-dokumenti miġbura, kif ukoll l-atti proċesswali fl-intier tagħhom;

8. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet imressqa mill-atturi;

9. Semgħet it-trattazzjoni dwar is-sitt eċċezzjoni tal-konvenuti magħmula mid-difensuri tal-atturi u tal-konvenuti;

10. Rat li l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza fuq is-sitt eċċezzjoni tal-konvenuti.

Ikkunsidrat:

11. Illi din hija kawża li permezz tagħha l-atturi qed jimpunjaw it-testmenti magħmula fl-atti tan-Nutar Vanessa Pool fl-1 t'Awwissu 2012 u fit-3 t'April 2013 minn Teresa Darmanin bħala (i) foloz, fażulli u mhux awtentiċi, jew inkella (ii) magħmula mill-istess Teresa Darmanin meta din ma kinitx kapaċi li tagħmel testment, jew inkella (iii) li l-istess testmenti saru bi frodi, qerq u ngann, jew theddid u minaċċi, jew inkella u fi kwalunkwe każ (iv) li dak miktub fihom ma jirriflettix l-intenzjoni u r-rieda ħielsa tat-testatriċi.

12. Illi l-konvenuti kollha (għajr għad-Direttur konvenut, li wieġeb li mhux edott mill-fatti) qajmu numru ta' eċċezzjonijiet kontra t-talbiet tal-atturi, fosthom dawk li diġà ġew deċiżi permezz tas-sentenza mogħtija minn din il-qorti, kif diversament presjeduta, fit-30 ta' Ġunju 2020, kif ukoll dik l-eċċezzjoni li se tiġi deċiża b'din is-sentenza, u li tgħid hekk:

> ILLI, mingħajr preġudizzju għas-suespost, jiġi rrilevat li l-atturi m'għandhomx interess ġuridiku sabiex jippromwovu

[3] A folio 117.

> l-azzjoni tagħhom, u dan in vista tal-konklużjoni, kif ukoll tal-kontenut innifsu tal-iskrittura datata 13 ta' April tas-sena elfejn u sbatax (13.04.2017) (Dok MG 1) relattiva għall-immissjoni fil-pussess fil-proprjetajiet imħollija lilhom b'titolu ta' legat, ossia … Għaldaqstant l-atturi akkwijexxew għat-termini u għall-implikazzjonijiet naxxenti mit-testment datat tlieta t'April tas-sena elfejn u tlettax (03.04.2013) u, fil-fatt, fl-imsemmija skrittura l-partijiet kienu ddikjaraw li "[i]l-legatarji jaċċettaw u b'hekk il-partijiet jagħtu lil xulxin kwittanza mill-aktar ampja u assoluta".
>
> F'dan ir-rigward jiġi rrilevat ukoll li l-kwistjonijiet imqanqla mill-atturi permezz tal-ittra legali tagħhom datata tnax ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (12.10.2016) … fil-fatt ġew sorvolati permezz tal-konklużjoni tal-imsemmija skrittura.

13. Illi għal dak li jirrigwarda dina s-sentenza, il-fatti rilevanti huma dawn. Il-kontendenti huma lkoll imparentati fi grad jew ieħor mat-testatriċi Teresa Darmanin, li mietet fl-10 ta' Jannar, 2016[4]. Mir-riċerki testamentarji tagħha, irriżulta li hi għamlet żewġ testmenti fl-atti tan-Nutar Pool, u ċjoè t-testmenti mpunjati f'din il-kawża. Bl-aħħar testment tagħha, u ċjoè dak tat-3 t'April 2013[5], it-testatriċi rrevokat it-testment preċedenti tagħha, u ħalliet b'legat favur l-atturi l-fondi bin-numru wieħed u tnejn fi Sqaq il-Pont fil-Marsa, kif ukoll dawk bin-numru sitta u sebgħa fl-istess triq, kif ukoll dak bin-numru erbgħa u ħamsin f'Lighters Wharf fil-Marsa. Bl-istess testment, fost legati oħra, it-testatriċi nnominat bħala werrieta lill-konvenuta Mary Grech. Irriżulta wkoll li fit-testment dattilografat mill-imsemmija Nutar Pubbliku, il-legat ma ġiex riportat fedelment għall-oriġinal, tant li kienet nieqsa r-riferenza għall-fond bin-numru sitta u sebgħa fi Sqaq il-Pont fil-Marsa.

14. Wara li ġie ċċarat id-diżgwid li nħoloq bil-verżjoni żbaljata tal-kopja maħruġa min-Nutar Pool, l-atturi ressqu flimkien mal-konvenuta Mary Grech għall-att pubbliku riċevut min-Nutar Vanessa Pool fit-13 t'April 2017[6], li permezz tiegħu saret l-immissjoni fil-pussess tal-legati mħollija lilhom permezz tat-testment tat-3 t'April 2013. Fl-istess att pubbliku, ġie wkoll imniżżel li «*… il-partijiet jagħtu lil xulxin kwittanza mill-aktar ampja u assoluta*».

---

[4] Ara l-estratt mill-att tal-mewt tagħha, eżebit a folio 15.
[5] Kopja awtentika tinsab eżebita a folio 24.
[6] Kopja eżebita a folio 51.

15. Illi mill-provi rriżulta li dakinhar li ġie ppubblikat l-att tat-13 t'April 2017, l-atturi marru weħidhom għand in-Nutar u ma ħadux lill-avukat tagħhom magħhom[7]. Dan jidher li sar fuq struzzjonijiet tal-attur Charles Darmanin stess[8]. Fix-xiehda tiegħu, Charles Darmanin sostna li hu ffirma u qal lill-atturi l-oħrajn biex jiffirmaw, iżda skont hu, ma kellu "jimxi xejn"[9]. Hu sostna li dakinhar l-iskop tal-laqgħa għand in-Nutar kienet biex l-atturi jsiru jafu jekk il-fondi bin-numru sitt u sebgħa fi Sqaq il-Pont fil-Marsa kienux inbiegħu minn ħu t-testatriċi, ċjoè zijuh Ġużeppi.

16. Skont l-attur Stephen Darmanin, ħadd ma spjega dan id-dokument qabel ġie ffirmat, u fil-fatt lanqas ingħataw kopja tiegħu[10]. Hu qal li n-Nutar "qrat xi ħaġa", għalkemm hu nnifsu ma qarax dan l-att qabel iffirmah[11]. Sostna li «*Jiena għalija ma fhimt xejn jiġifieri li mhux qed niffirma xejn qisni qed niffirma fuq biċċa karta konna jien u Mary u n-Nutara qabdet biegħet, ħadet dak u mexxiet ħeqq dak li ġara… … Ifhimni ffirmajna għax kif għidtlek ta' bejnietna. Darb'oħra kienet ser tkun il-firma meta tiġi l-avukata magħna*»[12]. Min-naħa tiegħu, Emanuel Darmanin xehed ukoll fl-istess vena tal-atturi l-oħrajn, u żied li hu anki ħallas xi taxxa tas-suċċessjoni fuq il-maħżen legat lill-atturi[13].

17. Xehdet ukoll in-Nutar Pool, li spjegat li l-abbozz tal-att għall-immissjoni fil-pussess kien intbagħat qabel lill-avukat tal-atturi[14], li kienet approvatu[15]. Hi xehdet li qrat dak l-abbozz lill-atturi, li ġew mingħajr avukat b'għażla tagħhom, u ġie ffirmat. Mistoqsija kif spjegat it-terminu "kwittanza" lill-atturi, n-Nutar Pool wieġbet: «*Jiena għidtilhom li wara hawnhekk dan ser issir din it-tranżazzjoni, din il-biċċa xogħol u wara hawnhekk ħadd ma għandu x'jaqsam wieħed mal-ieħor. Hekk spjegajtilhom kif nispjegaha lil kulħadd*»[16].

---

[7] Ara x-xiehda ta' Dr Anna Mallia, a folio 137.
[8] Ara x-xiehda tiegħu, a folio 142.
[9] Ara folio 146.
[10] Ara x-xiehda tiegħu, a folio 160.
[11] Ara folio 162.
[12] Ara folio 165.
[13] Ara a tergo ta' folio 173.
[14] L-ittra elettronika li bih intbagħat l-abbozz (mingħajr l-abbozz innifsu) ġiet eżebita a folio 206.
[15] Ara folio 191.
[16] Ara folio 199.

18. Dawn, mela, huma fil-qosor il-fatti li din il-qorti siltet mill-provi u li tqis rilevanti għad-determinazzjoni tas-sitt eċċezzjoni tal-konvenuti.

Ikkunsidrat:

19. Illi l-atturi, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom kif ukoll waqt it-trattazzjoni orali, saħqu li l-kuntratt tat-13 t'April, 2017 ma jwassalx biex tiġi milqugħa s-sitt eċċezzjoni tal-konvenuti, u dan għaliex dan il-kuntratt huwa wieħed null billi l-kunsens tal-atturi għall-istess kuntratt kien vizzjat bi żball. Barra minn hekk, isostnu l-atturi, l-kwittanza fih kontenuta għandha tinftiehem li hija limitata għall-immissjoni fil-pussess, u għal xejn aktar minn hekk.

20. Illi loġikament għandha tkun din l-aħħar sottomissjoni tal-atturi li trid tiġi epurata l-ewwel, billi jekk jirriżulta li l-pretensjonijiet tal-atturi kif dedotti f'din il-kawża m'humiex milquta bil-kontenut tal-kuntratt tat-13 t'April, 2017, mela allura kull kwistjoni dwar il-validità ta' dak il-kuntratt issir irrilevanti u konsegwentement superfluwa.

21. Illi fil-fehma tal-qorti, l-effetti li l-konvenuti jattribwixxu lill-kuntratt tat-13 t'April, 2017, huma dupliċi; fl-ewwel lok, il-konvenuti jinvokaw il-kwittanza kontenuta f'dak l-att, u fit-tieni lok, isostnu li l-adeżjoni tal-konvenuti għal dak il-kuntratt tikkostitwixxi akkwixxjenza għall-kontenut tal-aħħar testment ta' Teresa Darmanin, liema akkwixxjenza tagħlqilhom il-bieb għall-impunjazzjoni dedotta minnhom f'din l-istanza.

22. Illi fid-dottrina legali, t-terminu "kwittanza" hija mfissra bħala «*... una dichiarazione per iscritto che si dà a qualcheduno, e colla quale si tiene liberato da qualche somma di danaro o da qualche altra prestazione*»[17]. Fl-istess sens inkiteb li: «*La parola «quitanza» o «quietanza» ... significa la dichiarazione scritta che si fa ad una persona, mediante la quale si confessa che questa persona ha fatto un pagamento, intendendosi la parola «pagamento» non nel significato ristretto di consegna di denaro dovuto, ma*

[17] ***Merlin***, Repertorio Universale e Ragionato di Giurisprudenza e Quistioni di Diritto (Napoli, 1832), Vol.XVI, vuċi "Quitanza", paġ.280.

*nel senso più ampio che le viene attribuito dalla legge e dalla dottrina, di «esatta prestazione di ciò che costituisce il debito»»*[18]. Huwa wkoll miżmum li fejn il-kwittanza tingħata f'termini ġenerali, mela din għandu jkollha applikazzjoni mill-aktar wiesgħa:

> Qualora nella quitanza manchi tanto l'indicazione della somma pagata, come la menzione di una determinata obbligazione che il pagamento ha estinto, qualora, cioè, la quitanza sia formulata con espressioni generalissime, l'efficacia della confessione in essa contenuta ha la massima comprensione.

23. Hekk ukoll insibu spjegat adeżivament mas-suespost kif ġej:

> Se la quitanza non esprime nè la somma ch'è stata pagata, nè la causa del debito, come sarebbe se fosse cosi concepita: *Confesso di aver ricevuto dal tale ciò ch'egli mi dee. Fatto, ecc.*; questa è una quitanza generale che abbraccia tutti i differenti debiti che al tempo della quitanza erano dovuti a colui che l'ha rilasciata da colui che l'ha ricevuta. Se fra tali debiti erano alcuni esigibili al tempo della quitanza, ed altri, il cui termine al pagamento non era ancora scaduto, la quitanza si estenderebbe a questi ultimi debiti…[19]

24. Illi għalhekk il-kwittanza espressa fil-kuntratt dwar l-immissjoni tal-pussess, kif kwalifikata saħansitra li qed issir bl-aktar mod ampju u assolut, għandha applikazzjoni għal kull kwistjoni jew pendenza li jkun hemm bejn il-partijiet komparteċipi għaliha. F'dak is-sens biss jistgħu jinftiehmu l-kliem użati f'din il-kwittanza.

25. Barra minn hekk, il-qorti tqis ukoll li, anki kieku stess il-kuntratt in kwistjoni ma kien jikkontjeni ebda kwittanza, il-fatt innifsu li saret din l-immissjoni fil-pussess hija ta' xkiel għall-prosegwiment tal-kawża tal-atturi. Dan għaliex l-atturi, meta aċċettaw li jiġu immessi fil-pussess ta' legati mħollija lilhom permezz tat-testment tat-3 t'April 2013, kienu qiegħdin effettivament joqgħodu għad-dispożizzjonijiet ta' dan it-testment, b'mod li issa mhux mogħti lilhom li jimpunjawh. ***Ricci*** bl-aktar mod ċar kiteb: «*L'accettazione del legato importando trasferimento nel legatario della proprietà della cosa legata, ne viene di conseguenza che, accettato una volta il legato, il medesimo non*

[18] ***Digesto Italiano***, vuċi "Quitanza", §1.
[19] ***Foramiti***, Enciclopedia Legale, Vol.IV, vuċi "Quitanza", pġa.981.

*è più ripudiabile, perchè ciò che è entrato nel mio patrimonio non può, per effetto della mia sola volontà, rientrare a far parte del patrimonio cui prima apparteneva»*[20].

26. Illi f'dan ir-rigward, jiġi rilevat li hija dottrina akkolta dik li tafferma li r-rinunzji jistgħu ikunu kemm espressi u kemm impliċiti (jew taċiti) basta jkunu ċari u univoċi:

> La rinunzia è espressa quando viene in modo esplicito manifestata, con intenzione diretta a non voler fare uso del diritto che compete: è presunta o implicita quando si pongono in essere atti incompatibili con l'intenzione di fare uso del diritto medesimo[21].

27. Illi ***Coen*** fir-*Repertorio Generale di Giurisprudenza*, taħt il-vuċi "Rinunzia (in genere)" jagħmel dawn ir-riljevi:

> 7. La rinunzia alle proprie ragioni non si suppone mai, ovi non risulti espressamente dalla dichiarazione di colui, al quale le ragioni stesse appartengono, o non risulti almeno da fatti assolutamente incompatibili colla riserva di tali ragioni
>
> 8. Le rinunzie però possono essere espresse, come quando vengono manifestate a parole, oppure tacite, allorchè per fatti, dai quali si desumano chiaramente, quando specialmente il fatto non potrebbere sussistere senza neppure l'abbandono di un diritto

28. Konformement ma' dan, fid-deċiżjoni fil-kawża ***Doris Laferla et vs. Louis Cauchi Savona et noe*** (Appell Superjuri, 6/2/1995), ġie sostenut illi: «*Bħala enunzjazzjoni ġenerali jista' jingħad li l-kommissjoni jew l-ommissjoni ta' min għandu dritt, ikollhom il-valur ta' rinunzja ta' dak id-dritt meta dak il-fatt ma jkunx ġuridikament kompatibbli mal-pretiża li tkun ġiet dedotta fl-azzjoni. Hekk per eżempju, ġie ritenut illi l-preskrivent ta' immobbli li bid-dekors ta' tletin sena li jkun qed jakkwista b'użukapjoni jrid ikollu l-intenzjoni li jsir huwa l-proprjetarju ta' l-immobbli. Jekk huwa jiddikjara li l-ħaġa mhix tiegħu allura jkun qed jirrinunzja dik il-preskrizzjoni għaliex dikjarazzjoni simili mhux kompatibbli mal-ferma intenzjoni tiegħu li jakkwista l-immobbli – (App. 13 ta' Marzu, 1953* **Caruana vs Vella** *– Vol.XXXVII.I.105). L-istess*

[20] Corso Teorico Pratico di Diritto Civile, Vol.III, §373.
[21] ***Digesto Italiano***, vuċi"Rinunzia", §1.

*ġie frekwentement ritenut li min jirċievi l-kera mingħajr protesta u riżerva jkun qed jirrinunzja għad-dritt ta' l-azzjoni għall-permess biex ma jġeddidx il-lokazzjoni. (App. 27 ta' Novembru, 1953* ***Scicluna vs Galea*** *Vol. XXXVII.I.379*"». Fl-istess sens intqal li: «*Biex ikun hemm rinunzja taċita jeħtieġ li l-fatt ikun inkonċiljabbli mal-konservazzjoni tad-dritt*»[22].

29. Illi l-qorti tqis li l-fatt li l-atturi resqu għal kuntratt ta' immissjoni fil-pussess ta' legat li jeżisti maħluq b'testment huwa assolutament inkonċiljabbli mal-pożizzjoni li l-atturi ħadu f'din il-kawża, u ċjoè li dan it-testment u dak ta' qablu huma nulli u bla siwi. Dan l-aspett ġie sollevat minn din il-qorti waqt it-trattazzjoni tal-kawża, u l-abbli difensur tal-atturi sostna li ma tissussistix din l-inkonċiljabilità minħabba l-fatt li Mary Grech kienet xorta waħda eredi anki kemm-il darba t-testmenti jiġu annullati, kif iridu l-atturi. Dan jista' jkun minnu, però huwa ċert li jekk it-testmenti jiġu annullati kif qed jitolbu l-atturi, l-legat li hu l-oġġett tal-kuntratt in kwistjoni ma jibqax jeżisti, għaliex is-suċċessjoni ta' Teresa Darmanin tkun intestata, u fis-suċċessjoni intestata, jew leġittima, ma jeżistux legati. Għalhekk, bil-fatt li l-atturi għamlu kuntratt ta' immissjoni fil-pussess mal-konvenuta Grech mhux biss huma rrikonoxxew f'din il-konvenuta l-kwalità ta' werrieta esklussiva (għaliex f'dan it-termini jitkellem il-kuntratt tat-13 t'April 2017), imma għarfu u rrikonoxxew ukoll l-eżistenza u l-validità ta' legat imħolli bl-istess testment.

30. Għalhekk dan il-kuntratt tat-13 t'April 2017 huwa ta' xkiel għall-pretensjonijiet tal-atturi f'din il-kawża, u proprju għalhekk l-atturi jsostnu li dan il-kuntratt huwa invalidu għaliex il-kunsens mogħti minnhom fuqu kien vizzjat bi żball.

31. Min-naħa tagħhom, il-konvenuti jsostnu li l-atturi ma jistgħux jissollevaw din il-kwistjoni f'din il-kawża, imma jridu jiddeduċu azzjoni appożita biex jimpunjaw dak il-kuntratt.

32. Illi din il-qorti tagħraf illi l-ġurisprudenza lokali ma kinitx dejjem lineari dwar jekk kwistjoni dwar in-nullità ta' kuntratt tistax titqajjem permezz ta' eċċezzjoni jew inkella għandhiex tiġi dedotta permezz t'azzjoni appożita, kif isostnu l-konvenuti. Kien hemm

[22] ***Carmelo Seychell vs. Giovanni Depasquale*** (Appell Superjuri, 25/3/1955 – Kollezz.XXXIX.i.134).

straxxiku ta' deċiżjonijiet li, xprunati minn kitbiet t'awturi franċiżi u taljani, kienu jagħmlu distinzjoni bejn ix-xorta tan-nullità, u ċjoè jekk in-nullità hijiex assoluta jew relattiva. Din il-pożizzjoni però m'hijiex riflessjoni korretta tal-qagħda taħt il-liġi tagħna. Kif ġie sewwa ritenut fid-deċiżjoni erudita ***Charichelon Co. Limited vs. Maria Scicluna*** (Appell Inferjuri, 22/5/2009):

> Jidher minn eżami ta' skorta ta' deċiżjonijiet illi l-Qrati tagħna assumew, fuq it-tagħlim tad-dottrina Franċiża u Taljana, illi anke fil-liġi tagħna kienet possibbli d-distinzjoni bejn atti jew kuntratti ineżistenti ossija nulli fis-sens proprju u atti jew kuntratti sempliċiment annullabbli. F'din l-aħħar kategorija, kif jirriżulta minn xi sentenzi, kienu annoverati wkoll il-vizzji tal-kunsens. Ara "**Anthony Joseph Bajada -vs- Pauline Lumb**", Prim' Awla, Qorti Ċivili, 15 ta' Diċembru, 1952. Jidher li l-istipiti tal-ġurisprudenza li tat lok għal din id-distinzjoni, u li tat direzzjoni lil bosta oħrajn li segwewha, hi s-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet "**Carmela Agius et -vs- Dr., Francesco Frendo nomine et**", 15 ta' Marzu, 1876 (Kollez. Vol. VII paġna 549). In bażi għal din id-distinzjoni ġie ritenut illi, proċeduralment ukoll, meta l-kwesjtoni hija ta' nullita`, il-konvenut jista' jqajjimha b'eċċezzjoni, imma jekk hija waħda ta' annullabilita` ma tistax tinġieb 'il quddiem ħlief b'azzjoni ad hoc. Ara, ad eżempju, "**Elena Agius -vs- Giuseppe Ciancio nomine**", Appell Ċivili, 3 ta' Frar, 1936;
>
> Dawn id-deċiżjonijiet ġew sew ikkritikati mill-Qorti ta' l-Appell, sede Ċivili tat-12 ta' Lulju, 1965 in re: "**Joseph Gatt -vs- Joseph Galea**". Fiha ngħad illi dik id-distinzjoni hi aljena għal-liġi tagħna u m'għandu jkollha ebda rilevanza għall-finijiet ta' l-Artikolu 1226 tal-Kodiċi Ċivili, anke għaliex il-kodiċijiet esteri, Taljani u Franċiżi, kellhom disposizzjonijiet ad hoc u distinti minn dik tagħna. B'mod partikolari, irriteniet illi "jekk skond il-liġi vizzju tal-kunsens minħabba vjolenza, jew żball jew qerq jagħti lok, kif indubbjament jagħti fil-każijiet kongruwi għar-rexxissjoni (Artikoli 1266 u 1267, illum Artikolu 1222 u 1223), allura l-konvenut imħarrek għall-eżekuzzjoni ta' kuntratt vizzjat b'dak il-mod għandu d-dritt jeċċepixxi n-nullita tiegħu". Dan tgħidu wkoll is-sentenza ta' l-istess Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet "**George Borg nomine -vs- Ronald Camilleri**", 28 ta' Frar, 1997, anke jekk f'dan il-każ in-nullita eċċepita kienet bażata fuq il-konsiderazzjoni ta' l-eta` minuri tal-konvenut meta ffirma l-kuntratt;

> Hu dedott minn dan illi proċeduralment in-nullita` mqanqla setgħet titqajjem per via di eccezione u ma kienx hemm il-ħtieġa ta' istanza ad hoc jew ta' kontro-talba;

33. Illi din hija l-pożizzjoni korretta taħt il-liġi tagħna, kif anke miżmum f'deċiżjonijiet aktar riċenti (ara, per eżempju, ***Elmein Limited vs. Paul Bartolo et***, Appell Superjuri, 4/5/2022). Dan, wara kollox, huwa dak li tipprovdi bl-aktar mod ċar il-liġi tagħna permezz tal-artikolu 1226:

> 1226. (1) L-eċċezzjoni ta' nullità tista', f'kull żmien, tiġi mogħtija minn dak li jkun imħarrek għall-esekuzzjoni tal-kuntratt, fil-każijiet kollha li fihom huwa nnifsu seta' jaġixxi għar-rexxissjoni.
> (2) Din l-eċċezzjoni ma taqax taħt il-preskrizzjoni stabbilita fl-artikoli 1222 u 1224.

34. Issa dak li jippreżenta ruħu bħala punt aktarx novell f'din il-kawża huwa li l-kwistjoni ta' nullità tal-kuntratt in kwistjoni ma ġietx dedotta b'forma t'azzjoni (għaliex it-talbiet huma diretti kontra t-testmenti u mhux ukoll kontra dan il-kuntratt) u lanqas permezz ta' eċċezzjoni (anzi l-konvenuti f'din il-kawża qed jinsistu fuq il-validità u fuq l-effikaċità ta' dan il-kuntratt). Il-kwistjoni ġiet imqajma mill-atturi sabiex jikkumbattu s-sitt eċċezzjoni tal-konvenuti, u ċjoè bħala kontro-eċċezzjoni, kif inhi magħrufa fid-dritt proċedurali.

35. Illi l-kontro-eċċezzjonijiet huma magħrufa fid-dritt bħala *exceptionem contra exceptionem*, jew inkella repliki. Dottrinalment, huwa spjegat li: «*Siccome il reo si giova delle eccezioni per escludere l'azione contro di lui intentata, cosi l'attore può giovarsi delle repliche, per ribattere le eccezioni che contro di lui si propongono. Da qui è che le repliche degli attori presentano un'altra classe di eccezioni di genere diverso… A buon conto nel modo stesso, che l'azione la quale in faccia alla legge si ravvisa giusta e ben fondata, può essere ribattuta ed esclusa dalla eccezione, cosi l'eccezione che sembra giusta e legale, può esser rimossa col beneficio della replica, che la legge ammette in soccorso dell'attore*»[23]. ***Mortara*** jispjega: «*A sua volta l'attore ha diritto di fare quelle deduzioni che potranno giovargli, movendo eccezioni contro le*

[23] ***Roberti***, Trattato delle Azioni e delle Eccezioni (Napoli, 1832), Vol.II, paġni 111-113.

*eccezioni del convenuto*»[24]. Id-dritt tar-replika bil-miktub tal-attur kien ukoll previst taħt il-liġijiet ta' proċedura tagħna. Kemm hu hekk, meta dawn il-liġijiet ġew promulgati permezz tal-Ordinanza IV tal-1854, bl-isem *Leggi di Organizzazione e Procedura Civile*, kienu jikkontjenu dawn id-dispożizzjonijiet taħt ir-rubrika "Dei Modi coi quali d'Ordinario si Procede negli Affari Contenziosi", u fit-titolu li kien jitratta l-proċeduri bil-libell jew petizzjoni[25]:

> 155. La risposta si notifica alla parte avversa; e questa avra per replica lo stesso termine per le presenti Leggi accordato per rispondere.
>
> 156. La replica deve essere limitata a dare occorrendo alle circostanze di fatto una spiegazione, e ad allegare delle ulteriori circostanze in ripulsa delle eccezioni date dal convenuto, senza argomenti o raziocinii, o citazioni di autorità.

36. Illi riferenza għall-kunċett tal-kontro-eċċezzjoni (jew replika) insibuh fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell fil-kawża ***Giovanna Cardona vs. Carmelo Pisani*** (4/11/1957)[26], fejn intqal: «*U tabilħaqq, huwa kompitu tal-Qorti li fil-kawża tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjonijiet u tal-kontro-eċċezzjonijiet kollha li jiġu mogħtija in konnessjoni mal-meritu li tkun qiegħdha teżamina, u tirriserva biss għall-ġudizzju ieħor ġdid li jkollu jiġi propost apposta, u għalhekk tissoprassjedi, meta l-kwistjoni mqajma bl-eċċezzjoni jew kontro-eċċezzjoni ma tkunx sollevabbli "ope exceptionis", jew ma tkunx tal-kompetenza tagħha, inkella, kif intqal, fl-interess gravi tal-ġustizzja jkun jaqbel li jsir hekk. Il-Qorti ma tistax tirrofta li tisma' r-raġunijiet kollha rilevanti tal-partijiet fil-kawża. Barra minn dan, fis-sistema ġudizzjarju modern l-ekonomija tal-ġudizzji għandha tiġi mħarsa u koltivata, għax mhux fl-interess tal-ġustizzja li tinħoloq moltiplikazzjoni bla bżonn ta' kawżi*».

37. Illi dawn id-dispożizzjonijiet fuq riprodotti eventwalment tħassru bl-Att XXIV tal-1995, anki għaliex kienu qed iwasslu biex jitwalu l-proċeduri bil-miktub u jinżamm milli jibda l-istadju tal-produzzjoni tal-provi. L-abrogazzjoni tar-replika bil-miktub

---

[24] Manuale della Procedura Civile (UTET, 1887), §24.
[25] Dan kien il-mod kif kien jinbdew il-proċeduri fil-Qrati Superjuri, filwaqt li fil-Qrati Inferjuri l-proċediment kien jinbeda biċ-ċitazzjoni, li għaliha l-oppożizzjoni kellha ssir dejjem bil-fomm, skont l-artikolu 180 ta' dik il-liġi.
[26] Kollezz. Vol.XLI.i.507.

però ma ġabitx fix-xejn id-dritt tal-attur li jagħmel dawk id-deduzzjonijiet neċessarji sabiex iġib fix-xejn l-eċċezzjonijiet tal-konvenut. Forsi l-aktar eżempju komuni ta' din il-prattika hija meta tiġi eċċepita l-preskrizzjoni estintiva mill-konvenut, u l-attur jipprova jikkumbatti dik l-eċċezzjoni billi jiddeduċi l-interruzzjoni, jew is-sospensjoni. Tali deduzzjoni m'hija xejn għajr il-kontro-eċċezzjoni tiegħu, magħmula aktarx oralment għaliex il-forma skritta ta' dik id-deduzzjoni ġiet, kif fuq imsemmi, abrogata. Din il-fakultà u kwindi l-jedd tal-attur li jagħmel deduzzjonijiet li jsarrfu f'kontro-eċċezzjonijiet hija rikonoxxuta anki fil-ġurisprudenza sussegwenti għall-Att XXIV tal-1995. Hekk, per eżempju, fid-deċiżjonijiet ***Mary Doris Veneziani et vs. Emanuel Farrugia et*** (Appell Inferjuri, 10/3/2004) u ***Maria Stella Abela vs. Nazzareno Abela*** (Appell Superjuri, 28/9/2012) ġie ċitat b'approvazzjoni l-insenjament kontenut fid-deċiżjoni ***Cardona vs. Pisani*** (fuq ċitata). Fil-kawża ***Joseph Agius vs. Doreen Busuttil*** (Appell Inferjuri, 15/2/2006) intqal: «*Jinkombi allura fuq l-attur li jagħti prova, mhux biss tal-fatt prinċipali miġjub bħala bażi għall-azzjoni tiegħu ("actor incumbit probatio"), imma wkoll li jsostni b'fatti tassattivament inekwivoċi l-kontro-eċċezzjoni tiegħu għall-preskrizzjoni eċċepita*».

38. Hekk ukoll, fid-deċiżjoni ***Carmela Dalli vs. Monomark Developments Ltd*** (Appell Inferjuri, 13/3/2009) intqal: «*Fl-ordinament tagħna min jeċċepixxi l-preskrizzjoni hu tenut jistabilixxi solament id-dekors taż-żmien utli għal fatti tal-każ. Sta, imbagħad, għall-attur li jġib il-kontraeċċezzjoni illi dak iż-żmien ġie sospiż jew interott jew li dik ix-xorta ta' preskrizzjoni ma kienetx ammissibbli għall-fattispeċi*»[27].

39. Illi fid-dawl tal-premess kollu, u la darba kwistjoni dwar vizzju fil-kunsens minħabba żball tista' tiġi sollevata *ope exceptionis*, għandu jsegwi li l-atturi huma fakoltizzati li jissollevaw din il-kwistjoni bħala kontro-eċċezzjoni, u la darba «*Il-Qorti ma tistax tirrofta li tisma' r-raġunijiet kollha rilevanti tal-partijiet fil-kawża*» u «*…huwa kompitu tal-Qorti li fil-kawża tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjonijiet u tal-kontro-eċċezzjonijiet kollha li jiġu mogħtija in konnessjoni mal-meritu li tkun qiegħdha teżamina…*», din il-qorti qed tikkonkludi li hija fid-dmir li tieħu konjizzjoni ta' din il-kwistjoni u tiddeterminaha, partikolarment la darba l-kontendenti kellhom kull opportunità li jressqu l-provi dwarha kif ukoll jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom fir-rigward. Dan

[27] Ara wkoll ***Christopher Selvagi et vs. Peter Borg*** (Appell Inferjuri, 9/1/2008).

ukoll la darba fir-rikors maħluf li bih inbdiet din il-kawża, l-atturi ddeduċew it-talbiet tagħhom prevja kwalsiasi dikjarazzjoni oħra neċessarja u opportuna, u għalhekk din il-qorti hija, fiċ-ċirkostanzi kollha, fakultizzata li tesprimi ruħha anke fuq din il-kwistjoni, avolja ma saritx talba espressa[28].

Ikkunsidrat:

40. Illi d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi huma dawn:

> 974.Jekk il-kunsens ikun ġie mogħti bi żball, jew meħud bi vjolenza, jew b'għemil doluż, ma jkunx jiswa.
>
> 975.L-iżball dwar il-liġi ma jġibx in-nullità tal-kuntratt ħlief meta dan ikun il-kawża waħdenija jew ewlenija tiegħu.
>
> 976.(1) L-iżball dwar il-fatt ma jġibx in-nullità tal-kuntratt ħlief meta jaqa fuq is-sustanza nfisha tal-ħaġa li tkun l-oġġett tal-ftehim.
> (2) Il-ftehim ma jkunx null jekk l-iżball jaqa' biss fuq il-persuna li magħha jkun sar il-ftehim, ħlief meta l-għażla ta' dik il-persuna tkun il-kawża ewlenija ta' dak il-ftehim.

41. Illi fid-deċiżjoni ***Anthony Aquilina et vs. Avv. Anthony Farrugia noe*** (Prim'Awla, 22/5/2001) intqal li: «*Dwar vizzju tal-kunsens minħabba żball, il-liġi tiddistingwi bejn żball dwar il-liġi li ma jġibx nullità ħlief meta dan ikun il-kawża waħdanija jew ewlenija tiegħu, u żball ta' fatt li ma jġibx in-nullità tal-kuntratt ħlief meta jaqa' fuq is-sustanza nfisha tal-ħaġa li tkun l-oġġett tal-ftehim. Biex jagħti lok għat-tħassir tal-kuntratt l-iżball ta' fatt irid ikun żball sostanzjali*».

42. Imbagħad il-Qorti tal-Appell, fid-deċiżjoni ***Charles Spiteri et vs. Associated Supplies Limited***, (20/10/2003) tenniet li:

> Hi ġurisprudenza paċifika illi biex jinvalida ftehim l-iżball irid ikun sostanzjali, skużabbli u determinanti. Dan tal-aħħar fis-sens li mingħajru l-parti li tkun ikkuntrattat taħt l-

[28] Ara ***Joseph Gasan vs. Farmaċista Nicola Spiteri*** (Appell Superjuri, 28/6/1948 – Kollezz. XXXIII.i.666), kif ukoll ***Avukat Dottor Robert Zammit vs. Costantino Abela et*** (Appell Superjuri, 7/12/2023).

> iżball ma kienetx tagħti l-kunsens tagħha kieku kienet taf il-verita`.
>
> Kwantu għal kriterju tas-sostanzjalità jinsab ġeneralment ritenut li żball soġġettiv jista' jkun biżżejjed. Ġie però aktar approfondit illi għalkemm żbalji ta' natura soġġettiva kapaċi jikkondizzjonaw il-kunsens fl-attur dawn "ma jikkostitwux l-iżball oġġettivizzat li jirrigwarda s-sustanza, l-identita' preċiża, l-kwalita` intrinsika tal-oġġett, li huwa l-iżball li l-liġi tirrikonoxxi bħala l-element li effettivament jannulla l-kunsens meħtieġ għall-validita` ta' kull kuntratt".
>
> Fl-aħħarnett, biex żball jitqies skużabbli dan jiġri meta jkun kawżat mill-fatt tal-parti l-oħra. Anke hawn pero` ġie ritenut illi ma huwiex żball skuzabbli dak li wieħed jaqa' fih meta l-fattijiet li għalihom jirreferixxi dak l-iżball kienu faċilment aċċertabbli.

43. Illi din il-qorti, peress li diġà għamlet riepilogu tal-provi l-iktar rilevanti għal dan l-aspett tal-kwistjoni, jidhrilha li l-argument tal-atturi dwar il-vizzju fil-kunsens tagħhom minnufih isib skoll u jinnawfraga meta jiġi biex jgħaddi mill-għarbiel tal-element tal-iskużabilità. Kif ġie ritenut fid-deċiżjoni ***Carmelo Formosa vs. Salvatore Scicluna*** (Kummerċ, 15/2/1950)[29]: «*Għandu issa jiżdied, in tema ta' żball, illi, biex dan ikun riċevut bħala motiv ta' invalidazzjoni, hemm bżonn li jkun skużabili. Dan kien il-prinċipju minn dejjem minn żmien id-Dritt Ruman (ara Voet, XXII, 6, 2). Issa f'dan il-każ l-attur, anki kieku "ex hypothesi" wieħed kellu jimmaġina li l-konvenut qallu li l-permessi kienu mitlufin, seta' faċilment jivverifika mill-Pulizija jekk dan kienx veru. Il-faċili aċċertabilità tagħmel l-iżball mhux skużabili (ara anki sent. App. Axisa vs. Aquilina, 28.3.09)*». Ġie ulterjorment spjegat li:

> La dottrina da accettarsi nella soggetta materia è quella secondo cui l'errore non può addursi quando è l'effetto di grande negligenza, per cui il contraente avrebbe potuto accorgersi dell'errore anche con lieve diligenza, perchè in tale caso è da applicarsi la massima qui sua culpa damnum sentit, non videtur damnum sentire. Ed in applicazione di tale dottrina, la Corte di Appello di sua Maestà, il di 28 marzo 1909, in re "Axisa versus Aquilina" (Collez. Vol.XVII, i, 108) ritenne che: "una dichiarazione di un fatto inserto in un contratto non si può impugnare per causa d'ignoranza o di errore, quando colui che lo impugna non

[29] Kollezz. Vol.XXXIV.iii.753.

poteva, nel momento di tale dichiarazione, trovarsi in istato di tale ignoranza ed errore[30].

44. Fl-istess sens hija d-deċiżjoni ***Charles Spiteri et vs. Associated Supplies Limited*** (Appell Inferjuri, 20/10/2003).

45. Illi l-qorti qieset li l-atturi stqarru li l-kuntratt inqaralhom min-Nutar Pool qabel ma ffirmawh, u għalhekk kienu konsapevoli mill-kontenut tiegħu, u partikolarment mill-fatt li kienu se jirċievu l-legat skont it-testment li bih ġiet nominata werrieta weħidha Mary Grech, kif ukoll mill-kwittanza inserita fl-istess kuntratt. Huma jilmentaw li n-Nutar Pool ma fissritilhomx sewwa t-tifsira tal-kwittanza, iżda l-qorti ma jidhrilix li din il-kritika hija ġustifikata. Fuq kollox, l-atturi kienu qed jikkonsultaw ma' avukat u kienu huma li, inspjegabbilment, waqfu l-assistenza ta' din l-avukat. Xejn ma kien iżomm lill-atturi li ma fehmux sewwa l-ispjegazzjoni tan-Nutar Pool milli jwaqqfu kollox u ma jiffirmaw xejn qabel ma jiksbu l-pariri li xtaqu. Minflok, huma ffirmaw, għaliex dakinhar hekk kien jikkonvjenilhom. Huwa biss illum li jixtiequ jeżerċitaw din l-azzjoni li issa kellhom ripensament fuq dak li ffirmaw, u jridu li din il-qorti tipproċedi bħallikieku huma ma ffirmaw xejn dakinhar.

46. Kif osservat fid-deċiżjoni ***Giuseppa Mifsud et noe vs. Cherico Francesco Bonnici*** (Prim'Awla, 4/6/1910)[31]: «*…è mestieri osservare che ogni uomo savio e prudente, prima di fare una promessa, deve prendere le necessarie cautele esatte dal proprio interesse, e se egli non le ha prese, la legge non gli deve nè protezione nè difesa*». Insenjament li japplika tajjeb anki għall-fattispeċi tal-każ odjern.

47. Għaldaqstant il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi, wara li tilqa' s-sitt eċċezzjoni tal-konvenuti Mary Grech, Carmen Spiteri, Pauline Valletta, Josephine sive Joyce Bugeja u Catherine Aquilina, tiċħad it-talbiet kollha tal-atturi.

L-ispejjeż ta' din id-deċiżjoni jkunu a karigu tal-atturi, filwaqt li l-ispejjeż tad-deċiżjoni tat-30 ta' Ġunju 2020, li kienu baqgħu riservati, jinqasmu in kwantu għal nofs mill-

[30] ***Onorato Pisani vs. Negte Joseph Mamo ne***, Kummerċ, 7/11/1933 – Kollezz. Vol.XXVIII.iii.1218.
[31] Kollezz. Vol.XXI.ii.63.

atturi u nofs mill-konvenuti kollha ħlief id-Direttur konvenut, li l-ispejjeż tiegħu jkunu a karigu tal-atturi.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur